B 1973

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,515, 3 ta' Ottubru, 2025
Taqsima B

A.L. 220 tal-2025

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Permess biex Jirrisjedu Vittmi ta' Traffikar jew Immigrazzjoni Illegali li jikkoperaw ma' l-Awtoritajiet Maltin

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, il-Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Permess biex Jirrisjedu Vittmi ta' Traffikar jew Immigrazzjoni Illegali li jikkoperaw ma' l-Awtoritajiet Maltin u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Permess biex Jirrisjedu Vittmi ta' Traffikar jew Immigrazzjoni Illegali li jikkoperaw ma' l-Awtoritajiet Maltin, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 217.07.

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (2) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Il-perjodu ta' residenza msemmi fis-subregolament (1) għandu jkun validu għal perjodu ta' tnax (12)-il xahar li għandu jiġġedded jekk il-kondizzjonijiet imsemmija fl-istess subregolament jissussistu u, b'mod partikolari, għandhom jitqiesu l-aħjar interessi tat-tfal fil-każijiet fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun minuri.".